MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 596/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**CARLOS FALZON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carlos Falzon ta’ 23 sena bin Stephen u Catherine nee’ Zerafa, imwieled Pieta’ fit-13/09/1986, residenti 27, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 551386M gie akkuzat talli b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda,

1. Nhar il-11 ta' Marzu 2010 ghal habta tas-1355hrs minn gewwa l-istabbiliment GO sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Blackberry ta' valur li jeccedi € 232.94 liema serq huwa aggravat bil-Valur, ghad-detriment tal-kumpanija Go Plc.;
2. Nhar il-11 ta' Mejju 2010 ghal habta ta' l-1620hrs minn gewwa l-istabbiliment GO sitwat fi Pjazza Antoine De Paule, Paola, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Nokia 2330 ta' valur li ma jeccedix € 232.94 ghad-detriment tal-kumpanija GO Plc.;
3. Nhar il-31 ta' Mejju 2010 ghal habta tal-1640hrs minn gewwa l-istabbiliment GO sitwat fi Triq Nofs Inhar, Valletta, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Samsung GT-B3310 ta' valur li ma jeccedix €232.94 ghad-detriment tal-kumpanija GO Plc.;
4. u aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;
5. u aktar talli b'hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur, moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D. nhar l-24/03/2010.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok GJ1 u nnutat li l-imputat Carlos Falzon m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz mid-droga u li l-imputat ricentement ghamel tentattivi biex jipprova jehles minn dan l-abbuz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tllum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 334 u 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carlos Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz mid-droga u li l-imputat ricentement ghamel tentattivi biex jipprova jehles minn dan l-abbuz, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, inkwantu ghall-ewwel (1) akkuza, it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza u ir-raba’ (4) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Carlos Falzon, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Carlos Falzon taht ordni ta’probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputat Carlos Falzon ikun assistit biex jelgheb l-abbuz mid-droga u nkwantu ghall-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputat Carlos Falzon, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, testendi t-terminu ta’ xahar (1) prigunerija sospiz ghal sitt (6) xhur moghti bis-Sentenza tal-24 ta’ Marzu, 2010 per Magistrat Dr Jacqueline Padovani LL.D. ghal perjodu ulterjuri ta’ sitt (6) xhur millum.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 24(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat Carlos Falzon sabiex fi zmien xahrejn (2) millum ihallas lill-GO Plc is-somma ta’ disa’ u sebghin Euro (Euro 79).

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services, sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Carlos Falzon.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub li din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Carlos Falzon kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Carlos Falzon bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Inoltre il-Qorti tat lill-imputat Carlos Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------